# L-ISTATWI TITULARI

minn Ivan Buġeja

F'dan l-artiklu qasir se nagħti ħarsa lejn l-istatwi titulari li l-parroċċa tagħna ħaddnet b'akbar għożża tul is-snin. It-tlieta huma statwi mill-aktar artistiċi u għalhekk hu aktar minn xieraq illi nitkemmu ftit fuqhom.



L-ewwel statwa tal-Immakulata Kunċizzjoni waslet fil-kappella ta' Pawlu Burlo' fl-1924, wara li hu kien għamel xi żmien jiġbor minn għand in-nies tal-inħawi. Ix-xewqa ta' Pawlu kienet li jpoġġi lil din l-istatwa għall-qima tad-devoti f'post xieraq fil-kappella tiegħu ta' Triq id-Duluri. L-istatwa kienet maħduma mill-istatwarju Karmenu Gatt tal-Ħamrun u għalkemm mhiex daqstant kbira hija verament grazzjuża. Għal bosta snin, matul il-ġimgħa tal-festa, din l-istatwa kienet titpoġġa fiċ-ċentru tal-oratorju u aktar tard fil-knisja parrokkjali sabiex tingħata qima xierqa. Din l-istatwa baqgħet tintuża sa l-1967. Dan minħabba il-fatt li fi Frar tal-1968 inġiebet statwa oħra. F'dawn l-aħħar snin l-istatwa kienet tintuża għal waqt il-purċissjoni tat-tfal u anki tintrama fuq pedestall matul il-ġranet tal-festa tal-parroċċa. Il-lum din l-istatwa tinsab fil-kamra tal-abbatini.



It-tieni statwa titulari kienet inġiebet fil-parroċċa nhar l-10 ta' Frar tal-1968. Dan kien sar għaliex l-istatwa ta' żmien l-oratorju kienet ċkejkna żżejjed sabiex tkun tista' titpoġġa fil-knisja parrokkjali.

*ikompli f'paġna 39*

Din l-istatwa kienet maħduma fi Spanja u nġiebet hawn Malta mis-Sur Mattocks. Hi waslet fil-knisja tagħna sewwa sew lejlet il-pussess tal-kappillan Dun Ġużepp Mifsud Bonniċi. Mal-wasla tagħha hi ddaħħlet b'purċissjoni fil-knisja fost l-entużjażmu tal-folla miġbura. Għal bosta snin, din l-istatwa titulari u patruna tagħna, kienet miżmuma f'niċċa fil-knisja u ta' kull sena matul il-festa kienet toħroġ b'purċissjoni tul it-toroq fost id-devozzjoni tal-parruċċani. Din l-istatwa tal-Kunċizzjoni serviet bħala statwa titulari sas-sena 1985 u l-lum hi tinsab f'niċċa ħdejn il-librerija parrokkjali.



L-istatwa li għandna llum inħadmet mid-ditta Rosa Zanazio & Co. ta' Ruma fl-1903. Din id-ditta kienet twaqqfet minn Francesco Rosa u aktar tard ingħaqad miegħu Zanazio. Din l-istatwa nħadmet fuq il-mudell ta' Murillo u hi maħduma kollha kemm hi bil-kartapesta Romana. It-tul tagħha hu ta' 180 cm u dakinhar hi kienet swiet madwar 612-il lira Taljana. Oriġinarjament din l-istatwa kienet ġiet ordnata mir-rettur Bartoli tal-Arċikonfraternità tal-Kunċizzjoni sabiex tieħu post dik ta' qabilha. Fil-fatt hi kienet ġiet ordnata f' Ottubru tal-1902 u waslet Malta s-sena ta' wara, eżattament fit-3 ta' Diċembru. Ħaġa interessanti ħafna kienet illi qabel waslet Malta, l-istatwa kienet ittieħdet il-Vatikan biex il-Papa Ljun XIII ibirikha. Din l-istatwa ngħatat lill-parroċċa tagħna wara li l-kappillan ta' dak iż-żmien, Dun Manuel Agius kien sar jaf mingħand Carmelo Maggi, li l-Arċikonfraternità tal-Kunċizzjoni tal-Belt Valletta kellha statwa żejda tal-Immakulata. It-talba formali għaliha kienet saret nhar is-16 ta' Novembru tal-1984. Iċ-ċerimonja tat-trasferiment saret fil-knisja parrokkjali, nhar it-30 ta' Novembru tal-1985 bil-kuntratt isir quddiem in-nutar Ġużeppi Cachia, il-mistednin distinti u l-parruċċani. Fl-1988 l-istatwa titulari saritilha l-indurata u anki pedestall ġdid. Xi snin wara sarilha wkoll mant tad-damask u s-sena l-oħra saru żewġ puttini għal miegħu.